# Paċi u Ġid

No. 90: Ġunju 2018

"Very often it is a holiness found in our next-door neighbours, those who, living in our midst, reflect God's presence."

Pope Francis



## Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali
## Sr Claudia Zammit

Għeżież qarrejja,



Ftit tax-xhur ilu, proprju fid-19 ta' Marzu 2018, il-Qdusija tiegħu l-Papa Franġisku ħareġ l-Eżortazzjoni Appostolika 'Gaudete et Exultate' (Ifirħu u Thennew), li titkellem dwar is-sejħa għall-qdusija fid-dinja tallum. Is-sejħa għall-qdusija mhix biss għas-saċerdoti, għall-persuni kkonsagrati jew dawk li jħaddnu ħajja kontemplattiva. Kulħadd huwa msejjaħ għall-qdusija , hu x'inhu l-irwol tagħna. Il-qdusija hija l-pjan ta' Alla għalina u f'dan il-pjan hemm ħelsien sħiħ għax fih nilħqu l-milja ta' dak li Alla ħalaqna għalih. Il-qdusija ma tnaqqsilna xejn bħala bnedmin. Il-qdusija hija sejħa li tpoġġina f'rabta ma' Ġesù Kristu, li mhux biss jistedinna għall-qdusija, imma bil-għajnuna tal-grazzja tiegħu, jagħmilna kapaċi naslu għaliha.



Il-Papa jagħtina wkoll suġġerimenti prattiċi kif nistgħu nitqaddsu. Huma punti magħrufa sew fil-ħajja Kattolika:

- Ħin dedikat għat-talb
- Parteċipazzjoni fis-sagrament tal-Ewkaristija u fis-sagrament tal-Qrar
- Eżami tal-kuxjenza kuljum
- Qari regolari tal-Evanġelju

Ir-riżultat tal-għixien ta' dawn l-erba' fatturi jkun jidher fil-mod kif inġibu ruħna ma' xulxin - bl-umiltà u bil-ħniena - waqt li nwieġbu għall-ħtiġijiet ta' ħutna l-bnedmin. Ix-xhieda fil-qdusija tagħna tidher ukoll fil-ġesti ċkejknin li nwettqu bejnietna: meta nirrifjutaw li noqogħdu nlabalbu fuq l-oħrajn, meta nisimgħu bis-sabar u bl-imħabba, meta nlissnu kelma ta' ħlewwa lill-fqir. Dan inwettquh biss bil-grazzja tiegħu.



Waqt li qed noqorbu lejn it-tmiem is-sena skolastika 2017-18 inħeġġeġ lilkom il-ġenituri biex tkomplu tgħinu lil uliedkom jgħixu l-ħajja nisranija billi, fuq l-istess suġġerimenti li qed jagħtina

l-Papa Franġisku, inħeġġiġkom biex matul il-vaganzi tas-Sajf, issibu ħin biex tmorru ma' wliedkom tisimgħu l-quddies, tgħaddu ħin xieraq ta' qari mill-Evanġelju u titolbu flimkien bħala familja. Il-vaganzi tas-Sajf għandhom ikunu mezz biex tkomplu tissaħħu fl-għaqda u fl-imħabba ta' bejnietkom waqt li uliedkom ikomplu jixorbu mill-eżempji tal-għixien tal-ħajja nisranija tagħkom.

Minn qalbi nawguralkom mistrieħ u li tgawdu aktar lil xulxin bħala familja.

Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!
Tagħkom fi Kristu,
Sr Claudia Zammit
*Superjura Provinċjali*

*****************************************************************************

## Awguri lis-sorijiet li din is-sena qed jiċċelebraw il-50 u l-25 sena anniversarju tal-Professjoni Reliġjuża.

### 50 sena anniversarju

Sr Bonaventura Attard
Sr Josephine Schiavone
Sr Michelina Camilleri
Sr Maria Rita Sultana
Sr Carmen Caruana
Sr Fatima Vella
Sr Celina Cini
Sr Giuseppina Zammit
Sr Angela Grech
Sr Dorotea Mizzi

### 25 sena anniversarju

Sr Samina Chughthai
Sr Samina Joseph
Sr Shabana Siraj
Sr Agnes Yousaf

*****************************************************************

## Agħtini qalb li tisma' u ħajja li tagħti d-dawl – *#VocWeek2018*

*Sr Marica Agius*



Il-Papa Franġisku fil-messaġġ tiegħu għall-55 Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet – Smigħ, Dixxerniment, Għixien tas-sejħa tal-Mulej - ifakkarna li *"...fiż-żminijiet ta' inkwiet li qed ngħixu fihom illum, il-Misteru tal-Inkarnazzjoni jfakkarna li Alla dejjem jibqa' jiġi jiltaqa' magħna".* L-Evanġelju jġibilna ferħ kbir, il-veru ferħ. Dan jagħtina l-possibiltà li nagħtu xhieda tal-laqgħa tagħna m'Alla




mingħajr telf ta’ żmien, lil ħutna l-bnedmin.

Bħala inizzjattiva vokazzjonali, din is-sena matul it-tielet ġimgħa tax-xahar t’April, flimkien ma’ ħuti s-sorijiet iltqajna ma’ gruppi differenti ta’ studenti fl-iskejjel tagħna ġewwa Tas-Sliema, Bormla, Msida, B’Kara u r-Rabat Għawdex. Xtaqna li naqsmu mal-membri tal-istaff li kienu preżenti, l-esperjenza ta’ Ġesù fil-ħajja tagħna, kif ukoll l-esperjenza tagħna ta’ persuni kkonsagrati Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù .



L-iskop ewlieni tal-laqgħa tagħna ma’ dawn it-tfal/adoloxxenti, kien sabiex aħna nagħtu xhieda awtentika tal-ħajja li qed ngħixu. *“Fejn hemm ir-reliġjużi, hemm il-ferħ”*, u dan hu dak li matul din il-ġimgħa b’ħidma vokazzjonali, ippruvajna ngħaddu ma’ kull min iltqajna. Papa Franġisku saħaq u għadu jisħaq li l-ħajja tagħna bħala persuni kkonsagrati, mhix ħajja faċli u komda. Il-ħajja tagħna ma tistax tibqa’ biss magħluqa fil-kunvent jew fis-sagristija.



Id-dmir u l-obbligu tagħna ta’ nsara hu li nkunu dawl għal ħaddieħor. Nistgħu nagħtu d-dawl b’diversi modi. Alla tana talenti differenti sabiex nużawhom għall-ġid tal-oħrajn u għall-glorja t’Alla. Għandna nkunu rikonoxxenti lejn Alla talli tana dawn it-talenti sbieħ u differenti. Flimkien, jekk nużaw dawn it-talenti għal ġid ta’ kulħadd, inkunu qed ngħidu grazzi lil Alla u nagħmlu li din id-dinja tkun post aħjar.



Dan kollu ma setax iseħħ mingħajr it-talb ta’ ħutna fil-fraternitajiet tagħna u mingħajr is-sapport tas-superjuri. Fil-fatt bħala Provinċja impenjajna lilna nfusna















għall-programm ta' talb flimkien. Bdejna b'quddiesa vokazzjonali bix-xhieda ta'esperjenzi minn reliġjużi u lajċi u komplejna b'ġimgħa ta' talb li sar f'kull fraternità. Għaldaqstant nixtieq nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor tana s-sapport u l-għajnuna tiegħu. Fuq kollox grazzi kbira lil Alla li għoġbu jżejjen lill-Knisja b'tant persuni li bil-ħajja tagħhom qegħdin jagħtu d-dawl lil ta' madwarhom. Inkomplu nitolbu sabiex it-tfal u ż-żgħażagħ isibu nies li bil-ħajja tagħhom jgħinuhom aktar milli jfixkluhom.











****************************************************************************

## Aħbarijiet mill-iskejjel tagħna

### You Matter, No Matter What!

*Sr Elaine Mifsud - St Francis, Msida*




Kieran Seguna u Carl Magri minn St Francis Msida kienu l-ambaxxaturi magħżula biex lill-istudenti kollha tal-iskola f'attività bl-isem You matter, no matter what! organizzata miċ-Children's Hub fi ħdan il-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà. Din l-attività ttellgħet fil-Palazz tal-President f'Sant Anton u kienet maqsuma fuq jumejn. L-għan ewlieni ta' din l-attività kien li t-tfal jirċievu għarfien dwar id-drittijiet tagħhom hekk kif inhuma mfassla fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar dawn l-istess drittijiet, fosthom li, il-vuċi tagħhom trid tinstema'.



Bħat-tfal kollha li ħadu sehem, Carl u Kieran ippreparaw slogan fuq

din it-tema, u bl-għajnuna tal-għalliema u ta' sħabhom, pinġewh fuq żewġ T-Shirts, li aktar tard din is-sena, se jittellgħu f'wirja dwar id-drittijiet tat-tfal fi Brussell. Il-messaġġ li ppreparaw kien jgħid hekk: He said: children should be seen. He added: & heard. Nirringrazzjaw lil Carl u lil Kieran li ħadmu id f'id mal-għalliema u ma' sħabhom b'risq din l-attività. Mingħandhom tgħallimna ħafna! Prosit u grazzi mill-qalb!

## Ġurnata f'ġieħ il-Qaddisin!



Minkejja li għaddew tliet xhur, tista' tgħid li għadha friska l-memorja tal-ġurnata li ċċelebrajna fl-iskola tagħna ta' St Francis fl-Imsida u li kienet iddedikata kollha lil tlettax-il qaddis/a – wieħed/waħda f'kull klassi.

Fost il-qaddisin kien hemm: Sant'Anna, San Ġużepp, Santa Tereżina, San Martin de Porres, San Franġisk, Santa Tereża ta' Kalkutta, Santa Ċeċilja, Santa Roża ta' Lima, San Juan Diego, Santa Ġovanna d'Arco, il-Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II, San Ġorġ Preca u San Mikiel Arkanġlu. Kien jum ta' ferħ, ta' ħafna logħob u attivitajiet li qanqlu l-kurżità u l-kreattività mhux biss tat-tfal, imma wkoll tal-kbar. Kull għalliema ħadet ħsieb toħloq attività kreattiva dwar qaddis partikulari. L-għalliema ħadu ħsieb iżejnu l-klassi biex ħolqu ambjent speċjali għal din l-attività. Saħansitra waħda mill-għalliema libset tal-qaddisa li dwarha kienet ippreparat.




Wara t-talba ta' filgħodu, it-tfal daru klassi klassi, hekk li bejn it-8am u s-1.15pm laħqu billew sebagħhom f'kull klassi u ħadu togħma tajba dwar kull qaddis/a. L-attivitajiet kienu jvarjaw bejn, wiri ta' filmati, qari, role plays, logħob, tpinġija, kant u żfin. Grazzi għall-ħidma u l-entużjażmu tal-istaff kollu tagħna, nistgħu ngħidu li dan kien jum speċjali għall-aħħar. Kien jum ta' festa mimli tagħlim u divertiment u żgur li kien mimli unur u ġieħ li l-qaddisin tabilħaqq jixirqilhom.



**Tiftixa N.8: Sib il-kliem mitlufin.**

| | | |
|---|---|---|
| AJKLA | GAWWIJA | PAGUNI |
| BARBAĠAN | GĦARNUQ | PELLIKAN |
| BEĊĊUN | ĦAĠLA | RUSSETT |
| BIES | ĦAMIEMA | SEQER |
| ĊAWLUN | ĦUTTAF | SERDUK |
| ĊIKONJA | KOKKA | ŻINNA |
| GAMIEMA | LAQLAQ | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċ | B | R | U | S | S | E | T | T | B | G | M | B |
| K | I | E | Ż | E | P | A | L | Ġ | A | Ħ | A | Ċ |
| N | A | K | I | L | L | E | P | W | R | J | G | Ħ |
| Ħ | U | B | O | P | K | O | W | A | K | K | O | K |
| P | E | Q | Ż | N | A | I | I | N | F | W | A | Ċ |
| R | L | A | Q | T | J | G | N | U | Ċ | Ċ | E | B |
| N | E | L | M | A | E | A | U | R | N | Ħ | A | E |
| U | P | Q | I | N | Ġ | Ċ | O | N | Ġ | U | M | N |
| L | G | A | E | A | L | K | J | A | I | T | E | Ż |
| W | Ġ | L | B | S | T | R | Q | M | S | T | I | I |
| A | O | R | Q | Ħ | A | M | I | E | M | A | M | N |
| Ċ | A | E | K | U | D | R | E | S | Ċ | F | A | N |
| B | R | T | S | M | Q | U | N | R | A | Ħ | G | A |

Isem :______________________ Skola:_____________________

Kunjom:____________________ Klassi:_____________________

8< -----------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## Taf tgħidli min? #5

| | |
|---|---|
| Isem | |
| Kunjom | |
| Skola | |
| Klassi | |

| | |
|---|---|
| 1. Jagħti qawwa lill-għaref. (Koħ. 7, 19) | |
| 2. Dawn jitgħarblu bir-reqqa. (Għerf 6, 8) | |
| 3. Wegħidhom li jċedi l-belt jekk Alla ma jgħinhomx. (Ġdt. 8, 4-5) | |
| 4. Armla li baqgħet tilbes drapp tal-ixkejjer. (Ġdt. 8, 4-5) | |
| 5. Iwerwer lil min jiqaflu.(1 Sam. 2, 10) | |
| 6. Dawn biżżejjed biex ikeċċu lil David. (2 Sam. 10, 4) | |
| 7. Alla sejjaħlu ibnu l-kbir. (Eż. 4, 22-23) | |
| 8. Għand min marru Mosè u Aaron? (Eż. 5, 1) | |
| 9. infetaħ it-tempju u dehret...? (Apk. 11, 19) | |
| 10. In-nies stagħġbu u qalu... (Mt. 12, 23) | |

8< -----------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Prosit lil kull min ħa sehem fil-kompetizzjoni Paċi u Ġid No.88 ta' Marzu 2018 u r-rebbieħa huma: Kate Grech (Yr 4, St Francis Gozo) u Mireil Portelli (Yr 5, St Francis Gozo).

Ir-rebbieħ/a tal-kompetizzjoni qed j/tingħata ktieb. Ir-rebbieħ/a jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru 2018. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni 'Paċi u Ġid'
Triq Nazju Falzon,
L-Imsida, MSD 1720

jew

ħallu t-tweġibiet tagħkom fl-iskejjel tas-St. Francis (Msida, Bormla, B'Kara jew Rabat Għawdex).



# Ersaq lejn Ġesù, il-Priġunier tal-Imħabba... U jkun biżżejjed!

**Venerabbli Qaddejja T'Alla**
**Madre Margerita**



**Sorijiet Franġiskani**
**tal-Qalb ta' Ġesù**